## PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **815/2021 AD**

## BANK OF VALLETTA P.L.C. (C 2833)

**VS**

## A.N.S. Limited (C 47256)

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 14 ta’ Ottubru 2022**

**Il-Qorti**,

Rat ir-rikors preżentat fit-tlettax (13) ta’ Awwissu 2021, fejn Johanna Bartolo, għan-nom u in rappreżentanza tal-bank rikorrent Bank of Valletta p.l.c. ikkonfermat is-segwenti bil-ġurament tagħha:

“Illi in forza ta’ Ittra Ufficjali bin-numru 70/2015 reza ezekuttiva fis-6 ta’ Novembru 2015 (Dok ‘A’) taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-intimata tinsab debitrici tas-socjeta’ Bank of Valletta p.l.c. fis-somma ta’ dsatax-il elf, hames mija u disgha u hamsin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€19,559.34), bilanc ghad-debitu fil-‘Loan Accounts’ tieghek mal-Bank of Valletta plc flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mit-13 ta’ Marzu 2015 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi d-debitu tal-intimata mas-socjeta' rikorrenti llum jammonta ghal tmienja u ghoxrin elf, disa' mija u tnejn u tmenin ewro u disgha u erbghin centezmu (€28,982.49) flimkien mal-ispejjez legali u mal-imhgax ulterjuri mit-3 ta' Awwissu 2021 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok 'B');

Illi ghaddew iktar minn hames (5) snin minn meta l-ittra Ufficjali fuq imsemmija setghat tigi ezegwita u d-debitu tal-intimata ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors."

Għaldaqstant il-Bank attur talab lil din il-Qorti joghgobha tawtorizzah jezegwixxi l-Ittra Ufficjali bin-numru 70/2015 reza ezekuttiva fis-6 ta' Novembru 2015 taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet fl-ismijiet fuq imsemmija bl-ispejjez kontra l-istess intimata;

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lis-socjeta' intimata li naqset li tipprezenta risposta u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tar-raprezentanta tal-bank attur fejn iddikjarat bil-gurament taghha illi l-ammont ghadu kollu dovut;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti b'mod konvincenti u kif titlob il-ligi, t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' intimata tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-bank rikorrent kif dedotta fir-rikors, bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**